# Kunsill Lokali Gżira

16 ta’ Frar 2022

**Ref Nru. 41/2021**

Minuti tal-laqgħa Nru. 41/2022 li saret il-Ħamis 25 ta’ Jannar 2022

Il-Kunsill ltaqa’ permezz ta onlajn meeting fuq Zoom fil-5.30pm.

**Preżenti**

Disgħa membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Viċi Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alex Zammit, Jeremy Cardona, Hugh Caruana, Jessica Borg u Shaun Farrugia flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttiv Claire Goodlip

**Skuzati**

Ma kien hemm hadd skuzat

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 20 ta’ Jannar 2022

**41.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

41.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra ta' apoloġiji.

**41.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

41.2.1 Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ħamis 25 ta' Dicembru 2021 ttiehdu bħala moqrija u ċ-Chairman stieden lil-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

41.2.2 Paġna Nru.2 para 40.2.2 – Public Convenience – Is-Sindku ta' aġġornament fuq il-Public Convenience fejn qal li l-meter tad-dawl iccaqlaq minn postu ghal fejn kellu jitmexxa, filwaqt li qed jitkompla ix-xogħol. l-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat li l materjal mixtri kollu.

41.2.3 Paġna Nru.4 para 40.7.2 – Ix-Xatt tal-Gzira – Il-Kunsillier rega' iddiskuta s-stiwazzjoni tax-Xatt fejn is-Sindku semmgħa li kien hemm maħsub progrett ta' rigenerażżjoni, liema progett bhalissa imwaqqaf.

41.2.10 Il-Vici Sindku H.Caruana ppropona li l-Minuti tal-laqgħa nru. 39 jiġu approvati. Il-kunsillier N.Cethcuti ssekondaħ.

**41.3 Komunikazzjoni tas-Sindku**

41.3.1 Booklet tal-Kunsill – Il-Sindku ippropona li l-booklet jiġi ippubblikat erbgħa darbiet fis-sena (Marzu, Ġunju, Settembru, Diċembru). Il-Kontenut tal-booklet għandu jkun informattiv u ta' aġġornament fuq ix-xogħol tal-kunsill. Is-Sindku stieden lil kunsilliera kollha sabiex jaghtu kontribut tal-kontenut. Il-Kunsill qabel sabiex jingabru quotes u jiġi ippjanat kif ser jiġi imqassam. Is-Sindku flimiien tal-Vici Sindku u il-Kunsillier H.Cremona gew inkarigati imexxu dan il-progett.

41.3.2 Air Purifiers għal-Ufficju tal-Kunsill – Il-Kunsill ġie propost sabiex jinvesti f'Air Purifiers minħabba l-għoli fit-tniggies ta' l-arja. L-amministrazzjoni ipprezentat zewġ u wara diskussjoni l-kunsill talab li jinġabru iktar quotes.

41.3.3 Road Claims – Il-kunsill gie ipprezentat b'zewġ kazi ta' Road Claims. Wiehed seħħ fit-Triq Edgard Bernard fejn qed jigi mitlub l-ispejjez ta' tire u ieħor fi Triq Luqa Briffa fejn il-ħsara saret mal-qieħ tal-karozza ma' sleeping police waqt il-maltemp. Il-Kunsill talab iktar informazzjoni qabel ma jiehu decizzjoni.

41.4.4 Progett tal-Ġnien – Is-Sindku semmgħa li l-progett imwaħħal minħabba li il-lands għadhom ma tawx l-approvazzjoni tagħhom. Il-Lands qiegħed jargumenta li l-progett ma kellux jinkludi z-zona tal-pompa. Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jista jmexxi bil-qorti fuq dan il-kaġ għaliex skont il-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-Lands, il-Kunsill għandu jiġi infurmat meta u jekk il-Lands irid jieħu parti mil-art lura. Il-Kunsill qabel li b'din is-sitwazzjoni l-ġnien qed jispicca mitluq, fejn il-Kunsill ma jistax jieħu decizzjoni biex jagħmel maintanance fuq il-gnien. Il-Kunsill ikkonkluda li għandu jmexxi bil-qorti kontra l-Lands Authority.

41.4.5 Is-Sindku ta' aġġornamet fuq il-kwistjoni tal-pompa, fejn qal li l-istudju tal – Impact Assesment tlesta, studju li ħadd mil-persuni kkoncernati ma għamlu. Ir-risultati ser jiġu ipprezentati il-qorti fil-kawza prezenti.

41.4.6 Is-Sindku ippropona attivita għal karnival. Ġie propost li minħabba l-Covid issir attivita bil-Gaggen band madwar it-toroq tal-Ġzira. Il-Kunsill qabel li jiġabar il-prezz għal din l-attivita u wara tigi deciza r-rotta bit-toroq.

**41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

41.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**41.5 Rapporti**

41.5.1 Il-Kunsill ma iddiskuta l-ebda rapport.

**41.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

41.6.1 Il-Vici Sindku R.Mangion ippropona li jsir l-Air Conditioner fil-board room qabel jibda is-sajt. Il-Kunsill qabel unanimament..

41.6.2 Il-Vici Sindku R.Mangion staqsa dwar il-cameras li kellhom jiġu installati fil-Kunsill, fejn l-Agent Segretarju Ezekuttiv stqarret li l-kuinsinja minħabba ragunijiet varji għada ma waslietx. Il-Kunsill ta' il-parir li jekk tibqa ma tasalx fi zmien ħmistax jew kif jieħi stipulat, il-fornitur ghandu jinbidel.

41.6.3 Il-Kunsilliera J.Borg infurmat lil Kunsill li hija tagħmel parti mil Gaggen Band, w ilha membru għal tul ta'zmien. Dan semmietu il-għaliex din il-bank issemmiet kemm f'din l-laqgħa kif ukoll fil-laqgħa precedenti.

41.6.4 Il-Kunsil iddiskuta il-bzonn ta' Charging Points għal electric cars fil-lokalita. Gew issuggeriti varji zoni, biss il-Kunsill ma ikkonkludiex.

41.6.5 Il-Kunsill saqsa dwar il-ħsara tal-lift li hemm fl-ufficju ta' l-amministrazzjoni. L-Agent Segretarju Ezekuttiv infurmat lil kunsill li wara li saret spezzjoni sabiex jitranga, il-fornitur infurma lil-Kunsill li hemm kont pendenti fuq maintanance tal- lift. B'hekk is-Segretarja infurmat lis-Sid tal binja b'dan il-kont sabiex jithallas.

41.6.6 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li inħargu permessi fis-sebgħa ta' filgħodu, li qed joħolqu inkonvenjent lir-residenti. Il-Kunsill qabel li l-ebda permess ma għandu jinħareġ qabel d-disa' ta' filgħodu.

41.6.7 Il-Kunsillier N.Chetcuti semmgħa li skont liġi gdida, kull lokalita għandu jkollha il-bring-in-site. L-Agent Segretarju Ezekuttiv ikkonfermat, pero infurmat lil-Kunsill li l-fondi għal dan il-progett ma' ingħatawx. Il-Kunsill ikkonkluda li biex ikun mal-liġi l-Kunsill ser jipprovdi bring-in-sites standard.

**41.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

41.7.1 Il-Kunsillier N.Chetcuti fakkar li l-pagament tal Road Clain ma għandux isir għaliex għadu mhux approvat.

41.7.2 Il-Kunsilliera regaw ikkonfermaw il-pagament tal-Cat Feeders kif gie diskjuss fil-laqgħa precedenti.

41.7.3 Il-Kunsillier N.Cethcuti ppropona li l-paġamenti jiġu approvati. Il-Kunsillier A.Zammit ssekonda.

**41.8 Mozzjonijiet**

41.8.1 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**40.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

40.10.1 Il-laqgħa intemmet ghall-ħabta ta' 8.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar l-Il-Ħamis 24 ta' Frar 2022 fil-5.30pm.

Konfermati, illum 20 ta' Frar 2022.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Claire Goodlip
Aġent. Segretarju Eżekuttiv